**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Lucas Dylan Haristov Labaquere**

**Illum 20 t'Awwissu 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> "**Lucas Dylan Haristov Labaquere** detentur ta karta tal-identita Franciza bin-numru 190864351851:
>
> Nakkuzah talli nhar is-16 ta Awwissu 2021 ghal-habta tal-05:00 ta filghodu gewwa Triq Enrico Mizzi, Tax-Xbiex:
>
> 1. Volontarjament ghamel hsara, jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq tlett vetturi bin-numru tar-registrazzjoni JBT897, GQZ574 u FBZ047, liema hsara ma teccedix elfejn u hames mitt euro (2,500) izda liema

ammont jeccedi mitejn u hamsin euro (250) ghad-detriment ta Carmel Mifsud u Anna Cagliari Conte u/jew persuna/i ohra;

2. B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi (Kodici Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, insab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat **Lucas Dylan Haristov Labaquere** reġa' afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 t'Awwissu 2021;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok

ghal dan il-kaz. Il-Qorti qeghda tqis ukoll il-fatt illi l-imputat hallas lill-vittmi ghad-danni kagunati minnu.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikli 325(1)(b), 338(dd), u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Lucas Dylan Haristov Labaquere** ħati tal-akkuzi migjuba kontrieh u wara li qieset l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll il-fatt illi l-imputat hallas lill-vittmi ghad-danni kagunati minnu tqis li piena karċerarja ma hiex idoneja f'dan il-każ u għalhekk, ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor sa żmien seba' snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur